24 ta' April, 1951

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Spiridione Portelli ne.** *versus* **Joseph Spiteri**

## Arrest Personali — Dolo — Frode.

*Il-kliem "dolo" u "frode", għall-finijiet ta' l-arrest personali, għandhom is-sens ta' ingann jew raġġiri adoperati mid-debitur bil-ħsieb li jagħmel ħsara lill-kreditur — ingann u raġġiri li jkunu biżżejjed biex jissorprendu l-bona fede tal-kreditur, u tali li mingħajrhom il-kreditur ma kienx jikkuntratta.*

*Sempliċi gidba jew allegazzjoni menzonjera tad-debitur, mingħajr ma tkun akkompanjata minn ebda raġġir jew ingann li jqiegħel lill-kreditur jemmen dik l-allegazzjoni falza, ma hix biżżejjed biex tinduċi dolo jew frode għall-finijiet ta' l-arrest personali.*

*Imma jekk l-arrest personali ma jkunx sostnut għal dolo u frode, jista' jingħata bħala arrest sempliċi, jekk id-debitur ikun kummerċjant, u d-dejn huwa kummerċjali u mhux ta' inqas minn £20.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine talab

li, premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, il-konvenut (1) jiġi kundannat iħallas lill-attur £55. 8. 1, prezz ta' diversi oġġetti ta' l-elettriku lilu mibjugħa u konsenjati, skond il-kont (dok. A), (2) u, peress illi l-konvenut uża raġġiri biex jirtira dina l-merċi, kif jiġi pruvat waqt il-kawża, l-istess konvenut jiġi kundannat għall-arrest personali għal dolo u frode għal perijodu ta' mhux inqas minn tmintax-il xahar u mhux iżjed minn tliet snin. Bl-ingħax kummerċjali min-notifika ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Diċembru 1950 u bl-ispejjeż, inkluzi dawk ta' l-istess ittra uffiċjali u tal-mandat tal-qbid tat-3 ta' Jannar 1951, kontra l-konvenut imħarrek għas-subizzjoni;

Il-konvenut baqa' kontumaċi;

Mill-provi deher li verament id-ditta attriċi għandha tieħu minn għand il-konvenut is-somma reklamata. Deher ukoll, mix-xhieda ta' l-istess konvenut, li meta ġiet kuntrattata l-obligazzjoni hu kien kummerċjant. L-Imħallef sedenti ma jarax fl-aġir tal-konvenut—għalkemm sommament riprovevoli u diżonest—għemil li jista' jitqies dolo jew frode għall-finijiet tal-liġi. Infatti, jekk wieħed jeżamina sewwa x-xhieda ta' John Portelli u ta' ħuh Paolo, isib illi, in sostanza, ma kienx hemm ħlief allegazzjoni menzonjera da parti tal-konvenut u kredulità, forsi żejda, ta' l-attur. Il-konvenut talab lill-attur diversi oġġetti ta' l-elettriku, u qallu li jħallsu mal-konsenja. Tela' biħom hu l-attur, u fil-fatt il-konvenut ma kienx pront biex iħallas. Hu l-attur allura reġa' lura bl-oġġetti fil-post tad-ditta attriċi, u mgħu mar anki l-konvenut li talab lill-attur biex jafdah sal-għada. Qallu li jġib il-flus mill-Bank l-għada. L-attur, bi kredulità forsi eċċessiva, emmnu u tah l-oġġetti. Il-konvenut baqa' jillużingah, u ma ħallsux;

Kif osserva l-Imħallef Dr. Paolo Debono, sedenti f'din il-Qorti, fil-kawża "Mizzi vs. Zammit", 9 ta' Mejju 1899, "le parole 'dolo' e 'frode' sono qui adoperate nel senso di inganno o di raggiro adoperato dal debitore colla intenzione di nuocere, sufficiente a sorprendere la buona fede del creditore, e tale che senza di esso il creditore non avrebbe contratto. Non può quindi bastare una semplice menzogna, come, giusta la deposizione del detto Vassallo, nella specie avvenne, consistente nel dire al creditore, troppo corrivo a prestarvi fede, che una bottega ap-

partenesse al debitore, mentre in verità apparteneva ad altri'';

Issa, f'dan il-każ il-konvenut qal gidba, fis-sens li wieħed li jħallas l-għada u li jġib il-flus mill-Bank. L-attur emmnu u taħ kreditu. Kien hemm għalhekk allegazzjoni menzonjera biss; ma kienx hemm xi raġġir jew ingann, dak li l-Franċiżi jsejħu "mise-en-scene", sabiex iġiegħel lill-attur li jemmen dik l-allegazzjoni falza, bħallikieku wrieh il-ktieb tal-Bank li mbagħad jirriżulta li ma kienx tiegħu. Il-gidba weħidha ma hix biżżejjed, imma hemm bżonn, sabiex ikun hemm dolo jew frode għall-finijiet tal-liġi, xi artifizju li jkollu l-iskop li jsaħħaħ dik il-gidba, jagħtiha l-apparenza tal-verità, u b'hekk jissorprendi l-bwona fede ta' ħadd ieħor;

Anki jekk il-konvenut biegħ l-oġġetti bla ma ħallas, dan ma jbiddilx l-aspett ġuridiku; għaliex l-oġġetti kienu mibjugħin lilu, u mhux mogħtija in konsenja, u kwindi, ġaladarba, bene o male, ingħata lilu kreditu, hu kellu d-dritt li jiddisponi minnhom (salv l-aspett morali);

Lanqas jista' wieħed iqis il-fatt li wara, bi sfrontatezza unika, il-konvenut beda jiċħad li ħa l-oġġetti (dak li issa ammetta fix-xhieda tiegħu fol. 17) u jgħid li forsi ħadhom ħuh (li lanqas jidher li għandu) tewmi miegħu; għaliex, biex wieħed jara hemmx dolo jew frode, għandu jieħu in konsiderazzjoni mhux iż-żmien posterjuri, imma ż-żmien li fih tiġi kontratta l-obligazzjoni;

Id-domanda tista' tiġi sorretta, però, għall-arrest sempliċi, ladarba l-konvenut hu kummerċjant, u d-debitu, li ma hux anqas minn £20, hu kummerċjali;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-ewwel talba; bl-ispejjeż;

Billi tilqa' anki t-tieni talba, però għall-arrest sempliċi biss; l-ispejjeż ta' dan il-kap mingħajr taxxa, dritt tar-Reġistru għak-kariku ta' l-attur nomine.